

- 3) Jekk, abbażi tar-risposti mogħtija għall-ewwel jew għat-tieni domanda preliminari, il-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) tikkonkludi li l-liġi attakkata ma jirnexx lixi twettaq xi obbligu jew diversi obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet imsemmija f'dawn id-domandi, tista' din temporanjament iżżomm l-effetti tal-liġi tad-29 ta' Mejju 2016 dwar il-ġbir u ż-żamma tad-data fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika sabiex tiġi evitata l-inċertezza ġuridika u sabiex ikun permess li d-data miġbura u miżmuma preċedentement tkun tista' terġa' tiġi użata għall-għanijiet imsemmija fil-liġi?

- (¹) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514).
- (²) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (Spanja) fit-8 ta' Awwissu 2018 – Engie Cartagena S.L. vs Ministerio para la Transición Ecológica (li qabel kien, Ministerio de Industria, Energía y Turismo)

(Kawża C-523/18)

(2018/C 408/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Nacional

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Engie Cartagena S.L.

Konvenut: Ministerio para la Transición Ecológica (li qabel kien, Ministerio de Industria, Energía y Turismo)

Domandi preliminari

- 1) Tikkostitwixxi obbligu ta' servizz pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttivi 2003/54/KE (¹) u 2009/72/KE (²) it-tielet dispożizzjoni addizzjonali tad-Digriet-Liġi Rjali 14/2010:

“Finanzjament ta' programmi tal-ekonomija u ta' effiċjenza tal-enerġija għas-snin 2011, 2012 u 2013”:

1. L-ammonti pagabbli mis-sistema elettrika maħsuba għall-finanzjament tal-pjan ta' azzjoni 2008-2012, adottat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-8 ta' Lulju 2005 li timplimenta l-miżuri previsti mid-dokument “Strateġija ta' ekonomija u effiċjenza tal-enerġija fi Spanja għall-perijodu 2004-2012” adottat b'deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tat-28 ta' Novembru 2003, li jammontaw rispettivament għal EUR 270 miljun u għal EUR 250 miljun għas-snin 2011 u 2012, huma ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet minn kull waħda mill-impriżi produttriċi, skont il-perċentwali stabbiliti fit-tabella li ġejja:

Impriża	Perċentwal
Endesa Generación, S.A.	34,66
Iberdrola Generación, S.A.	32,71
GAS Natural S.D.G, S.A.	16,37
Hidroeléctrica del Cantábrico, S.A.	4,38
E.ON Generación, S.L.	2,96
AES Cartagena, S.R.L.	2,07
Bizkaia Energía, S.L.	1,42
Castelnuo Energía, S.L.	1,58
Nueva Generadora del Sur, S.A.	1,62
Bahía de Bizkaia Electricidad, S.L.	1,42
Tarragona Power, S.L.	0,81
Total	100,00

2) Jekk din id-dispożizzjoni effettivament tikkostiwixxi obbligu ta' servizz pubbliku, dan l-obbligu huwa ddefinit b'mod ċar, trasparenti, mhux diskriminatorju u verifikabbli?

- ⁽¹⁾ Id-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 211)
- ⁽²⁾ Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009 L 211, p. 55)

Appell ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2018 minn HX mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-408/16, HX vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-540/18 P)

(2018/C 408/54)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Appellant: HX (rappreżentant: S. Koev, advokat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tikkonstata li dan l-appell huwa ammissibbli u fondat fl-intier tiegħu u li l-aggravji kollha invokati f'dan l-appell huma fondati;
- tiddeċiedi li s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali tista' tiġi annullata fl-intier tagħha;
- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (il-Ħames Awla) tad-19 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża T-408/16, HX vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;